MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 2924/1997/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Budget Services Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tas-socjeta' konvenuta, kienet wettqet xogholijiet ta' wiring fil-fond Park Towers Mall matul s-sena 1995;

Illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta’ Lm4139.75 (erbat elef, mija u disa u tletin lira maltin u hamsa u sebghin centezmi) liema ammont huwa dovut ghax-xogholijiet li saru mill-korporazzjoni attrici kif fuq inghad u dana skond ma’ kif jirrizulta mill-annessi fatturi immarkati bhala dokument A u B u anness dokument C;

Illi l-istess s-socjeta’ konvenuta giet nterpellata thallas is-somma msemmija izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din l-kawza;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:-

1. tikkundannha thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ Lm4139.75 (erbat elef, mija u disa u tletin lira maltin u hamsa u sebghin centezmu) dovuta ghall-xogholijiet ta’ wiring li saru mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tas-socjeta’ konvenuta;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittri ufficjali tal-1 ta’ Awissu 1997 u l-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, t-talbiet attrici huma infondati fil fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess societa attrici billi s-societa konvenuta ma ghandha taghti xejn lis-socjeta’ attrici;

3. Illi s-societa' attrici harget invoices separati ghax-xoghol ta' wiring fil-fond Park Towers Mall u thallset mill-flat owners separatament;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2001 minn fejn jirrizulta li gie ordnat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tigi trattata u deciza flimkien mal-mertu;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta' attrici u x-xhud prodott mis-socjeta' konvenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippremetti li kienet ghamlet xogholijiet ta' "wiring" fil-fond Park Towers Mall San Giljan fuq talba u fl-interess tas-socjeta' konvenuta u dana matul s-sena 1995. L-istess socjeta attrici tippretendi ukoll li s-socjeta' konvenuta hi debitrici taghha fis-somma ta erbat elef, mija u disa u tletin lira maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm4139.75) bhala prezz tal-imsemmija xogholijiet. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi preliminarjament li l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Teccepixxi ukoll li ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici u li s-societa' attrici harget kontijiet separati ghax-xoghol in kwestjoni lis-sidien tal-appartamenti fl-imsemmi fond u di piu' thallset;

Ic-Chief Engineer tas-socjeta' attrici kkonferma li s-socjeta attrici ghamlet ix-xoghol in kwestjoni fuq talba u fl-interess tas-socjeta konvenuta u dana fil-kors tas-sena 1995. Ix-xoghol kien maqsum f'zewg partijiet. L-ewwel parti kienet tirrigwarda s-sezzjoni kummercjali liema xoghol sar bejn Frar u April 1995. It-tieni parti kien jirrigwarda z-zona residenzjali. Dan ix-xoghol sar bejn Mejju u Awissu tan-1995. Huwa kkonferma li ma sar ebda pagament akkont ghar-rigward tal-ammont kollu allegatament dovut;

Is-Segretarju tas-socjeta konvenuta qal li ma jaf xejn dwar ix-xoghol in kwestjoni u ma hemm ebda file ghand is-socjeta konvenuta li jghamel referenza ghal dan ix-xoghol;

L-ewwel li trid tigi deciza hi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. F'dan ir-rigward is-socjeta konvenuta tghamel referenza ghal provedimenti tal-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet ta' persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz tal-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax il-xahar;

Dawn il-provedimenti huma applikabbli ghal kaz in ezami. Jirrizulta li x-xohol in kwestjoni tlesta f'Awissu tal-1995 u jirrizulta li din ic-citazzjoni giet presentata wara li ghadda z-zmien ta' tmintax (18) il-xahar li trid il-ligi skond l-imsemmija provedimenti. Is-socjeta attrici fic-citazzjoni tghamel referenza ghall-ittra ufficjali tal-1 ta' Awissu 1997. Ma saret ebda prova dwar din l-ittra ufficjali. Fi kwalunkwe kaz jirrizulta li minn meta gie terminat ix-xoghol in kwestjoni sakhemm giet allegatament presentata din l-ittra ufficjali kienu ghaddew aktar mit-tmintax (18) il-xahar kif provdut fl-artikolu tal-ligi in kwestjoni. Lanqas ma jirrizulta li sar xi pagament akkont tas-somma kollha allegatament dovuta. Inoltre s-socjeta konvenuta tghid li ma ghandha tghati xejn lis-socjeta attrici;

In vista tal-premess l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta konvenuta ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-azzjoni attrici hi preskritta skond il-provedimenti tal-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta konvenuta u billi konsegwentement u fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------